MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 709/2002

**Discmaster (Malta) Limited**

**-vs-**

**X**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-soċjeta' Discmaster (Malta) Limited ppreżentat fil-21 ta' Ġunju 2002 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi s-soċjeta' Discmaster (Malta) Limited ġiet inkorporata fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena 1998 u għandha kapital awtorizzat ta' għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) u kapital azzjonarju wkoll ta' għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) iżda ħamsin fil-mija (50%) mħallsa u dan kif jirriżulta aħjar minn kopja vera u awtentika tal-*"Memorandum and*

*Articles of Association"* tas-soċjeta' rikorrenti anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala "Dok. DM";

Illi l-azzjonisti fis-soċjeta' rikorrenti huma s-soċjeta' Valletta Audio Vision Limited li hija proprjetarja ta' disat elef disa' mija u disgħa u disgħin (9,999) sehem Ordinarju ta' Lira Maltin (Lm1) kull wiehed u s-soċjeta' Mifra Consultants Limited li hija proprjetarja ta' sehem Ordinarju uniku ta' Lira Maltija (Lm1);

Illi d-direttur tas-soċjeta' rikorrenti illum huwa s-Sur Anthony Bartolo;

Illi s-soċjeta' rikorrenti kienet giet imwaqqfa prinċiparjament bl-għan illi timmanifattura f'Malta *"compact discs"* u tagħmel xogħol ta' *"moulding"* ta' *"disc jewel cases"* għas-suq barrani;

Illi fl-ewwel snin ta' ħidma, is-soċjeta' rikorrenti kellha tinvesti sostanzjalment f'makkinarju u fil-ħaddiema tagħha sabiex tkun f'pożizzjoni illi tlaħħaq mad-domanda li kellha minn swieq Ewropej għall-prodotti tagħha u kien għalhekk illi, ssellfet flus minn banek kummerċjali kif ukoll mingħand il-Korporazzjoni Maltija għall-Iżvilupp sabiex tkompli tikkonsolida l-pożizzjoni tagħha f'dawn is-swieq;

Illi ġara pero' illi filwaqt illi l-bejgħ lill-pajjizi Ewropej żdied, dan il-bejgħ ma żdiedx bir-ritmu jew bil-mod maħsub bir-riżultat illi maż-żmien is-soċjeta' rikorrenti ma setgħetx tlaħħaq mal-pagamenti li kellha versu l-kredituri u l-fornituri tagħha u kien għalhekk illi d-direttur tas-soċjeta' rikorrenti kien ħa d-deċiżjoni illi jieqaf jeżerċita n-negozju f'isem is-soċjeta' rikorrenti f'Settembru tas-sena 2001;

Illi mill-ġurnata illi waqfet teżerċita n-negozju tagħha sal-lum, id-direttur tas-soċjeta' rikorrenti ħadem kemm seta' sabiex jimminimiżża kwalunkwe preġudizzju, li seta' kien hemm fil-konfront tal-kredituri u tal-fornituri tas-soċjeta' rikorrenti;

Illi d-direttur daħal f'negozjati ma' terzi sabiex jippruva jbiegħ is-soċjeta' nnifisha bħla *"going concern"* jew sabiex

ibiegħ parti mill-assi li kellha l-istess soċjeta' a vantaġġ tal-kredituri iżda sfortunatament dawn in-negozjati ma tawx ir-riżultat mixtieq;

Illi fid-dawl tas-suespost, kien għalhekk illi d-direttur ħass li kellu jipproponi lill-azzjonisti illi s-soċjeta' rikorrenti tiġi xolta u illi jsir l-istralċ tagħha bil-Qorti (Dok. DM2);

Illi l-azzjonisti tas-soċjeta' rikorrenti, permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja (Dok. DM3) iddeċidew illi jirratifikaw id-deċizjoni tal-bord tad-diretturi u qablu illi s-soċjeta' rikorrenti għandha xxolji u tkun stralċjata mill-Qorti;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda bir-rispett *ai termini* tal-Artikolu 218 (1)(a) tal-Att XXV ta' l-1995, titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. a tenur tal-Artikolu 214 (1)(a) tal-Att XXV tal-1995, tikkonferma x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' rikorrenti u tagħti dawk il-provvedimenti opportuni fiċ-ċirkostanzi;

2. a tenur tal-Artikolu 228 (1) tal-Att XXV tal-1995, taħtar amministratur provvizorju sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setgħat dwar l-amministrazzjoni fuq l-*"estate"* jew in-negozju tas-soċjeta' rikorrenti skond kif din l-Onorabbli Qorti tista' tispeċifika fl-ordni tagħha.

Rat ir-rikors ta' l-istess soċjeta' datat ukoll 21 ta' Ġunju 2002 li permezz tiegħu esponiet:

Illi s-soċjeta' Discmaster (Malta) Limited pprezentat rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex tiġi xolta u stralċjata għar-raġunijiet hemm kontenuti;

Illi s-soċjeta' rikorrenti, fl-interess tagħha stess u fl-aħjar interess tal-kredituri, għandha interess illi fiż-żmien li fiha din il-Qorti tagħti ordni a rigward tat-talba tagħha għall-istralċ, jiġu mwaqqfa il-proċedimenti ġudizzjarji tal-Qorti pendenti kontra l-istess soċjeta' rikorrenti;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost u *ai termini* tal-Artikolu 220 ta' l-Att XXV tal-1995, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti twaqqaf dawk il-proċedimenti ġudizzjarji kollha eżistenti fil-konfront tagħha u tagħti dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru 2002 li permezz tiegħu ordnat in-notifika tal-istess lil min kien interessat u rriservat illi tipprovdi iżjed il-quddiem;

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti preżentata fl-24 ta' Novembru 2003 li permezz tagħha ġie ppreżentat l-affidavit ta' Anthony Bartolo;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Diċembru 2003 li permezz tiegħu ħatret lil Anthony Valvo bħala amministratur proviżorju, kif ukoll id-digriet tat-13 ta' Jannar 2004 li permezz tiegħu l-istess Anthony Valvo inħatar stralċjarju;

Rat id-diversi rikorsi u digrieti oħra li ngħataw minn din il-Qorti fil-kors tal-kawża;

Rat ir-rapport tal-istess stralċjarju a fol. 192 tal-proċess;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza finali wara li l-Qorti ġiet informata illi l-flus li baqagħlu f'idejh l-istralċjarju mhumiex suffiċjenti għall-ħlas tar-Reġistru tal-Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi l-proċess tal-istralċ odjern beda fuq talba tal-istess soċjeta' *tramite* riżoluzzjoni straodrinarja *ai termini* tal-artikolu 264 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji. Jirriżulta lill-Qorti li għalkemm kien hemm xi pretensjonijiet, apparti dawk li ġew sodisfatti fil-kors tal-kawża minħabba n-natura privileġġjata tagħhom, issa ma baqax fondi biex jitħallsu dawk pendenti billi d-dritt tar-Reġistru tal-Qorti jissupera l-ammont li baqa' disponibbli.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi:**

**1. tiddikjara magħluq il-proċess ta’ stralċ tas-soċjeta’ rikorrenti;**

**2. teħles lill-istraċjarju Anthony Valvo mill-ħatra tiegħu għall-finijiet tal-artikolu 244 tal-Att imsemmi, salv il-ħlas tar-Reġistru permezz tal-ammont li għadu disponibbli, u ċioe’ erbat elef, tliet mija u tmienja u tletin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,338. 57);**

**3. tordna t-tħassir tal-isem tas-soċjeta’ in kwistjoni mir-Reġistru *ai fini* tal-artikolu 264 tal-Att imsemmi;**

**4. tordna lir-Reġistratur tal-Qorti biex *ai fini* tal-artikoli 244 (2) u 264 (2) tal-istess Att u fiż-żmien hemm preskritt jibgħat kopja awtentika ta’ din l-ordni lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------